*27 ta' Ġunju 2013*
82/2013

**IL-KNISJA F'MALTA TILQA' LIN-NUNZJU APPOSTOLIKU**

**Data: Is-Sibt 29 ta' Ġunju 2013**

Post: Katidral ta' San Pawl, l-Imdina

**Ħin: 9.30 a.m.**

Nhar is-Sibt 29 ta' Ġunju 2013, fl-okkażjoni tal-festa solenni tal-martirju ta' San Pietru u San Pawl, l-Imnarja, l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. ser jiċċelebra Quddiesa fil-Katidral tal-Imdina, fid-9.30 a.m. Matul din iċ-ċelebrazzjoni, l-Arċisqof ser jilqa' uffiċċjalment, lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Aldo Cavalli, bħala Nunzju Appostoliku għal Malta.

Dakinhar, ser jattendu rappreżentanti minn kull parroċċa f'Malta, li ser jippreżentaw lin-Nunzju ritratt tat-titular tal-parroċċa.

Fis-16 ta' Frar li għadda, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI ħatar lil Mons. Aldo Cavalli, Arċisqof Titulari ta' Vibo, bħala Nunzju Appostoliku għal Malta.